# O DULCIS VIRGO MARIA !

**B'Tifkira tas-Sena Marjana 1954**

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Hemm ġenna ta' sbuħija u ta' ħlewwa
F'dak ismek ħelu, mimli armonija,
Li jxerred fl-univers il-ġmiel u t-tjieba
U l-ikbar glorji tiegħek, o Marija!

Min ħalqek, qabel sirt, kont l-għaxqa Tiegħu...
U riedek sbejħa, b'setgħat kbar imżejna,
Kif jixraq lil Omm Dak li jista' kollox,
Li, wara dnubna, dawwar ħnientu lejna.

Għall-merti t'Ibnek — li Hu kiseb lilek
Minn qabel ma kont int — mid-dell tal-ħtija
Int sfajt meħlusa u minn kull tebgħa mħarsa
Bi privileġġ waħdien fost il-mifdija.

Għajnejn Min ħalqek tgħaxxqu bik, u Lilu
Għoġbuh dik l-umiltà u s-safa' tiegħek.
Int xtaqt li tibqa' Verġni, Hu għażlek b'Ommu:
Verġni u Omm?... Hu reġa' waqaf miegħek.

Kif ommna Eva, għall-kburija tagħha,
Nisslet lilna fid-dnub, hekk int, ħanina,
Fiċ-ċokon tiegħek ġbidt il-ħarsa t'Alla
U sirt l-Omm ħelwa ta' Min ġie jifdina.

"Is-Sliema" ntennu ma' l-Arkanġlu sbejjaħ
Li ġie jwassallek dik l-aħbar mis-Sema.
"Ave Maria" baqgħu jsellmu l-ħlejjaq
U jibqa' għal dejjem it-tislim jinstema'.

Oh, kif tiġbidna lejk il-ħarsa tiegħek,
Qaddisa u ħelwa, u kif jitmewtu fina
Kull ħsieb ta' żina u kull xewqa fiergħa!
Oh, kemm terfagħna 'l fuq ħarstek ħanina!

Kif nistgħu ma nħobbukx, o Xbejba Mbierka,
Jekk inti hekk għażiża quddiem Alla!

Kif nistgħu ma nfaħħrukx jekk Huwa riedek
Fis-sema, fuq kulħadd, fil-glorja mtallgħa!

In: Bint in-nisel tagħna, o Marija,
U, Bniedma bħalna, int taf xi tħoss din qalbna.
Fil-glorja tiegħek, fl-ikbar ġieh tas-sema,
Int għadek Ommna: tinsiex tisma' talbna!

"Imbierka fost in-nisa! Imbierka! Imbierka!"
Sejħulek il-ġnus kollha bl-akbar qima.
Kif fil-"Magnificat" ħabbart, Marija,
Tibqa' ħierġa mill-qlub din it-tislima!